**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 59**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2016 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**0.00 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

0.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

| | | |
|---|---|---|
| 0.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. | |
| **1.00** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 58** | |
| 1.01 | Il-minuti tas-seduta numru G58 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 58 |
| **2.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti G 58** | Punti li joħorġu mill-Minuti G 58 |
| 2.01 | 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet qed tistenna sabiex tirċievi l-kwotazzjonijiet mitluba. | Xiri ta' *CCTV cameras* |
| 2.02 | 3.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-proposta tal-Kunsill kienet ġiet mgħoddija lil 'Transport Malta'. | Immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borġ Olivier |
| **3.00** | **Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza** | |
| 3.01 | Is-Sindku ppropona li ssir talba lil 'Transport Malta' sabiex issir *speed camera* ġo Vjal l-Ħaddiem. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Talba għal *speed camera* ġo Vjal Il-Ħaddiem |
| 3.02 | Is-Sindku ppropona li tiġi installata bozza ġdida li l-Kunsill għandu fuq il-*waiting list*. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Installazzjoni ta' bozza ġdida |
| 3.03 | Is-Sindku ppreżenta talba mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Orietta Cardona fejn qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex titrasferixxi l-bilanċ ta' 79 siegħa *f'vacation leave* li fadlilha għas-sena 2016 u jiġu trasferiti għas-sena 2017. Is-Sindku ppropona li t-talba tiġi approvata. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill approva unanimament. | Tiġdid ta' *Vacation Leave* tas-SE |
| **4.00** | **Ċirkulari 17/2016 – Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat minn Membri u Kunsilliera** | |
| 4.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill Ċirkulari 17/2016 li titratta n-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat minn Membri u Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta ċ-ċirkulari u ħa nota tagħha. | Ċirkulari 17/2016 – Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat minn Membri u Kunsilliera |
| **5.00** | **Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet** | |

5.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 262 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar u l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 262

**6.00 Attivitajiet għall-Milied**

6.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppreżenta proposta għall-attività tal-Milied għat-tfal. Huwa ppropona li din l-attività ssir nhar il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru mis-6.00 ta' filgħaxija 'l quddiem f'Misraħ il-Paroċċa. Din l-attività ser ssir b'risq il-*Community Chest Fund*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Casssar. Il-Kunsill qabel unanimament. Attività tal-Milied għat-tfal

6.02 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li tinxtara siġra kbira tal-Milied artifiċjali għall-pjazza. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Siġra tal-Milied

6.03 Saret diskussjoni dwar l-armar tat-toroq għal żmien il-Milied. Kif kien ġie deċiż f'seduta G 46 li l-ħlas lil kull għaqda għandu jiġi rivedut kull sena, għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li l-ħlas għas-sena 2016 lil kull għaqda jsir kif ġej: Armar tat-toroq għal żmien il-Milied

- Għaqda Żgħażagħ Rabtin Pawlini - €875
- Arċikonfraternità ta' San Ġużepp - €700
- Arċikonfraternità ta' San Anton Abbati u Madonna taċ-Ċintura - €300
- Komunità Franġiskani Konventwali - €350

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-armar tad-dawl fit-toroq u l-armar tas-siġra tal-Milied għandhom isiru sat-Tlieta 6 ta' Diċembru. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.04 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tintbagħat kartolina tal-Milied f'kull residenza. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. Kartolina tal-Milied

6.05 Is-Sindku ppropona li din is-sena l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, il-Membri taż-żewġ Kumitati Amministrattivi u għall-Amministrazzjoni tal-Kunsill issir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2016 fit-8.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Ikla tal-Milied

*** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G 02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx.**

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika fil-Baħrija (RLC/Q/0092/16).

Intefgħu żewġ offerti hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | Neville John Psaila | €1,520 *per annum* |
| 2 | B & A Works Services Ltd | €3,485 *per annum* |

| | | |
|---|---|---|
| | | |

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Neville John Psaila peress li hi l-irħas offerta mitfugħa.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 7 tal-aġenda.**

**7.00 Għażla tal-kwotazzjoni għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-Baħrija – RLC/Q/0092/16**

7.01 Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika fil-Baħrija, lill-offerent Neville John Psaila peress li din hi l-irħas offerta mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-kwotazzjoni għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-Baħrija – RLC/Q/0092/16

**8.00 Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq, tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* – RLC/T/0155/16**

8.01 Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Ian Vassallo, issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi l-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0155/16 tingħata lill-offerent *Waste Collection Ltd*, peress li din kienet l-irħas offerta u li laħqet il-kriterji kollha mitluba.

Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq, tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* – RLC/T/0155/16

**9.00 Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' *accountant* – RLC/T/140/14**

9.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/140/14 għall-provvediment ta' servizzi ta' *accountant*. Is-Sindku ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' *accountant* – RLC/T/140/14

**10.00 Tigdid tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts* – RLC/T/141/14**

10.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/141/14 għal servizz ta' tindif u manutenzjoni ta' *culverts* u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tigdid tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts* – RLC/T/141/14

**11.00 Korrispondenza**

11.01 B'referenza għall-korrispondenzi numru **50/1062/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva ilment dwar l-istat ħażin li jinsab fih il-bandli ta' Ġnien Bir Iljun.

*Upgrade* tal-bandli ta' Ġnien Bir Iljun

Wara diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona li jsir użu mill-'Urban Improvement Funds' sabiex isir *upgrade* mill-ġdid ta' dan il-bandli. Il-Kunsillier Nazju Cassar

issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.00 Materji Oħra

12.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li z-*zebra cross* ta' Vjal il-Ħaddiem ħdejn id-djamant tinsab mitfija.

*Zebra cross* ta' Vjal il-Ħaddiem mitfija

12.02 Il-Kunsillier Stephen Borg ppropona li l-Kunsill jerġa' jikteb lil 'Transport Malta' dwar il-*coaches* li jieqfu ħdejn ir-'Roman Villa'. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Coaches* li jieqfu ħdejn ir-Roman Villa

12.03 Il-Kunsillier Stephen Borg qal li rċieva diversi lmenti li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart kien qiegħed iħallat l-iskart riċiklabbli ma' dak domestiku.

Ilmenti dwar il-ġbir tal-iskart

12.04 Il-Kunsillier Rudolf Grima qal li rċieva diversi lmenti li fi Triq Sant'Antnin u fi Triq il-Kulleġġ qed joħorġu l-*cones* sabiex iżommu l-parkeġġ u qiegħed ikun hemm ipparkjar ta' vetturi wkoll fuq id-*double yellow lines*. Huwa talab li jintbagħtu l-gwardjani lokali.

Ilmenti dwar parkeġġ

12.05 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jitwaħħlu tabelli tad-*dog fouling* ġo Triq il-Katakombi, Triq il-Kan. G. Gatt Said u ħdejn taċ-Ċaqgħi. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Jitwaħħlu tabelli tad-*dog fouling*

12.06 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li ż-żona ta' ħdejn ir-'Roman Villa' qed tkun mitfija filgħaxija.

Iż-żona ta' ħdejn ir-'Roman Villa' mitfija

12.07 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jinżebgħu l-bankijiet tas-Saqqajja.

Jinżebgħu l-bankijiet tas-Saqqajja

12.08 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li hemm bżonn li jsir *refresh* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Fiera, l-Baħrija.

*Refresh* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Fiera

12.09 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li ssir *Clean Up Campaign*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Clean Up Campaign*

12.10 Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li jitwaħħlu tabelli sabiex ma jintremiex skart ħdejn il-kappella ta' Qasgħa fi Triq Santa Rita. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Jitwaħħlu tabelli tal-iskart

12.11 Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jingħata l-konkos fiż-żona ta' Wied il-Qlejgħa.

Konkos fiż-żona ta' Wied il-Qlejgħa

12.12 Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li l-Kunsill jikteb lill-Gvern Ċentrali sabiex titwessa' Triq il-Lellux.

Twessih ta' Triq il-Lellux

12.13 Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li wara li t-toroq ppjanati mill-Kunsill jingħataw it-tarmak, għandha ssir Triq it-Torri. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Triq it-Torri tingħata t-tarmak

**13.00 Data tas-seduta li jmiss**

13.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

13.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum .............................. ............ ta'.......................... 2016

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |